

Brussell, 8 ta' April 2019
(OR. en)

8314/19

AGRILEG 76
VETER 24

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	D060709/03 - ST 7678/19 + ADD 1
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti għall-esportazzjoni ta' prodotti li fihom il-proteina pproċessata tal-annimali derivata minn annimali ruminanti u minn annimali mhux ruminanti <i>- Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni</i>

1. Fl-14 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni ppreżentat għal skrutinju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq (ST 7678/19 + ADD 1), f'konformità mal-Artikolu 5 a (3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni.
2. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għall-Agrikoltura, permezz ta' proċedura informali bil-miktub (WK 3916/2019, WK 4799/2019), qies li ma hemm ebda raġuni għalfejn il-Kunsill għandu jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
- jikkonferma l-qbil milħuq mill-Grupp ta' Ħidma, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, li ma hemm ebda raġuni għalfejn għandu jopponi l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq.
-